IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.12.2020
COM(2020) 713 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Niżguraw il-ġustizzja fl-UE — strateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju għall-2021-2024**

MT MT

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Niżguraw il-ġustizzja fl-UE — strateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju għall-2021-2024**

## 1. INTRODUZZJONI

It-Trattat ta' Lisbona ta lill-Unjoni Ewropea (UE) kompetenzi biex tappoġġa l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali permezz tat-"taħriġ tal-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju"[1]. Minn dak iż-żmien 'l hawn, it-taħriġ ġudizzjarju dwar il-liġi tal-UE tejjeb **l-applikazzjoni korretta u uniformi tal-liġi tal-UE** u bena **fiduċja reċiproka fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera**, u b'hekk għen fl-iżvilupp tal-ispazju tal-ġustizzja tal-UE.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2011, *Inkattru l-fiduċja f'ġustizzja Ewropea — dimensjoni ġdida għat-taħriġ ġudizzjarju*[2], ġabet **bidla fil-pass**, kemm f'termini ta' approċċ kif ukoll ta' skala, fl-organizzazzjoni tat-taħriġ ġudizzjarju fl-UE. Billi l-maġġoranza tal-imħallfin u l-prosekuturi tal-UE li wieġbu għal stħarriġ tal-2010[3] qatt ma kienu pparteċipaw f'taħriġ ġudizzjarju dwar il-liġi tal-UE jew ta' Stat Membru ieħor, mill-adozzjoni tal-Komunikazzjoni aktar minn nofs il-ġuristi kollha tal-UE (aktar minn 1 miljun) għamlu dan.

L-evalwazzjoni tal-**istrateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju 2011-2020** (ippubblikata fl-2019)[4] u r-rapporti annwali dwar it-taħriġ ġudizzjarju Ewropew[5] juru li b'mod ġenerali l-istrateġija laħqet il-biċċa l-kbira tal-objettivi tagħha. Il-mira ewlenija ta' taħriġ ta' nofs (jiġifieri 800 000) tal-ġuristi kollha dwar il-liġi tal-UE bejn l-2011 u l-2020 intlaħqet fl-2017. L-istrateġija għenet biex jiżdied l-għadd ta' attivitajiet ta' taħriġ, iżda ppromwoviet ukoll tipi ġodda ta' attività, bħal programmi ta' skambju. Dan għen biex jittejjeb it-taħriġ dwar il-liġi tal-UE għal diversi kategoriji ta' ġuristi, speċjalment l-imħallfin u l-prosekuturi. Hija bniet ukoll il-kapaċitajiet ta' networks bħan-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN) u saħħet in-networks u l-fornituri tat-taħriġ fil-livell tal-UE.

Filwaqt li jibni fuq dawn il-kisbiet, issa huwa essenzjali li t-taħriġ ġudizzjarju jibqa' fuq quddiem fl-aġenda tal-UE u **jissaħħaħ aktar**.

L-UE qed tiffaċċja għadd ta' żviluppi u sfidi ġodda li jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-taħriġ ġudizzjarju, inkluż deterjorament tal-istat tad-dritt u attakki fuq id-drittijiet fundamentali f'xi Stati Membri, id-diġitalizzazzjoni esponenzjali tas-soċjetajiet tagħna u l-

1 L-Artikolu 81(2)(h) u 82(1)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE.
2 COM(2011) 551 finali.
3 *Taħriġ ġudizzjarju fl-Istati Membri tal-UE*, studju tal-Parlament Ewropew (IPOL-JURI-ET(2011)453.198).
4 *Evalwazzjoni tal-istrateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju 2011-2020*, dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni (SWD (2019) 380).
5 Rapporti mid-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi tal-Kummissjoni.

prospetti ta' sħubija fl-UE għall-Balkani tal-Punent. Barra minn hekk, il-livell ta' parteċipazzjoni fit-taħriġ għadu jvarja b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri u fost il-professjonijiet tal-ġustizzja. Dan jista' jkollu impatt negattiv fuq l-applikazzjoni uniformi u effiċjenti tal-liġi tal-UE.

Din il-Komunikazzjoni tibni fuq it-tagħlimiet meħuda u l-iżviluppi ġodda mill-2011 'l hawn. Dan jirrifletti r-riżultati tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-istrateġija għall-2011-2020 u ta' konsultazzjoni pubblika wiesgħa mwettqa mill-Kummissjoni fl-2018[6]. Hija tistabbilixxi strateġija komprensiva biex ittejjeb aktar it-taħriġ tal-professjonisti tal-ġustizzja dwar il-liġi tal-UE, billi testendi l-intervent ta' politika għal suġġetti, professjonijiet u żoni ġeografiċi ġodda, tindirizza l-isfidi l-ġodda u tistabbilixxi għanijiet ġodda għall-2021-2024.

## 2. RISPONS FLESSIBBLI GĦALL-ĦTIĠIJIET EMERĠENTI TA' TAĦRIĠ FIL-LIĠI TAL-UE

Il-prattikanti tal-ġustizzja għandhom ikunu jistgħu jadattaw għal żviluppi ġodda, inkluż fil-qasam tal-liġi tal-UE. Għalhekk huwa importanti li jingħata rispons flessibbli għall-ħtiġijiet emerġenti ta' taħriġ fil-liġi tal-UE.

### Taħriġ ġudizzjarju għall-promozzjoni ta' kultura komuni tal-istat tad-dritt

Ir-rispett għall-istat tad-dritt huwa kruċjali għall-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-UE u għall-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħhom. L-essenza tal-istat tad-dritt hija l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, li teħtieġ l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali. **Il-prattikanti tal-ġustizzja għandhom rwol essenzjali fiż-żamma tal-istat tad-dritt**. Jenħtieġ li huma jżommu l-pass mal-*acquis* tal-UE f'dan il-qasam, inkluża l-każistika li qed tiżviluppa malajr tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), sabiex ikunu jistgħu jimplimentawha fil-ħidma tagħhom. Prattikanti mħarrġa sew u n-networks tagħhom għandhom rwol importanti fit-tisħiħ tal-kultura tal-istat tad-dritt u r-rispett tal-istat tad-dritt innifsu[7], bil-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja fiċ-ċentru.

### Il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali

L-imħallfin nazzjonali u prattikanti oħra tal-ġustizzja huma atturi essenzjali li jiżguraw l-applikazzjoni effettiva tal-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE** u jagħmlu d-drittijiet tal-Karta realtà fil-ħajja ta' kuljum tan-nies.

Jenħtieġ li huma jirċievu taħriġ dedikat dwar l-applikazzjoni tal-Karta, il-kamp ta' applikazzjoni tagħha u drittijiet speċifiċi bħall-protezzjoni tad-*data*[8], iżda wkoll dwar ir-relazzjoni tagħha mal-liġi nazzjonali u l-interazzjoni tagħha mal-Konvenzjoni Ewropea dwar

---

[6] https://ec.europa.eu/info/consultations/training-justice-professionals-eu-law-evaluation_en

[7] Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni, *Tisħiħ tal-istat tad-dritt fl-Unjoni: pjan ta' azzjoni* (COM(2019)343 final) u r-*rapport tal-2020 dwar l-istat tad-dritt*: *is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea* (COM(2020) 580 final).

[8] Ara r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, id-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-ġurisprudenza reċenti tal-QĠUE, eż. is-sentenza tat-8 ta' April 2014, *Digital Rights*, il-Kawżi Magħquda C-293/12 u C-594/12; sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, *Tele2 Sverige*, C-203/15.

id-Drittijiet tal-Bniedem. Jenħtieġ li t-taħriġ fuq il-karta jiġi inkorporat ukoll f'moduli ta' taħriġ dwar diversi oqsma tal-liġi tal-UE fejn rilevanti[9].

**It-tisħiħ tad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja**

It-taħriġ ġudizzjarju għandu jħejji lill-professjonisti tal-ġustizzja biex iħaddnu d-**diġitalizzazzjoni** u l-użu tal-**intelliġenza artifiċjali**[10]. L-iżviluppi f'dan il-qasam qed jinfluwenzaw dejjem aktar kull aspett ta' ħajjitna. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet li s-sistemi ġudizzjarji jridu jadattaw malajr permezz tad-diġitalizzazzjoni. Il-prattikanti tal-ġustizzja jeħtieġ li jkunu konxji tal-impatt li **l-għodod u t-teknoloġiji diġitali** għandhom fuq il-każijiet ittrattati u jkunu lesti li jużawhom kif suppost fil-prattika ta' kuljum, inkluż fi proċedimenti transfruntiera[11]. Jeħtieġ li jiżguraw protezzjoni adegwata tad-drittijiet tal-individwi u tad-*data* personali fl-ispazju diġitali, b'mod partikolari sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jaċċessaw il-fajls u jattendu s-seduti tal-qorti.

**Inżommu l-pass mal-iżvilupp tal-liġi tal-UE**

Jenħtieġ li t-taħriġ ġudizzjarju Ewropew jippermetti lill-prattikanti tal-ġustizzja li **jaraw ir-rwol tal-liġi tal-UE** fil-prattika tagħhom ta' kuljum, **jagħtuha effett sħiħ** u jiżguraw ir-**rispett tad-drittijiet u l-obbligi** li jirriżultaw mil-liġi tal-UE fi proċedimenti ġudizzjarji nazzjonali. Huwa importanti wkoll li dawn iżommu ruħhom aġġornati mal-iżvilupp tal-liġi tal-UE. Kwalunkwe leġiżlazzjoni ġdida u żviluppi fil-każistika tal-QĠUE jeħtieġu taħriġ biex ikollhom l-effetti maħsuba u l-professjonisti tal-ġustizzja għandu jkollhom l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa.

B'mod partikolari, dan japplika għall-istrumenti ewlenin tal-UE għall-**kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera**. L-istabbiliment tal-**Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew** (UPPE) għandu wkoll konsegwenzi konsiderevoli ta' taħriġ għall-prosekuturi, l-imħallfin u l-avukati difensuri. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-istrateġija ttejjeb it-taħriġ għal dawn il-professjonijiet fuq il-bażi legali tal-UPPE, l-adattamenti li saru fis-sistemi legali nazzjonali u l-istrutturi ġudizzjarji, ir-relazzjonijiet tal-UPPE ma' korpi u aġenziji oħra tal-UE attivi fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE bħall-EUROJUST, il-EUROPOL u l-OLAF, kif ukoll l-applikazzjoni tal-istrumenti legali tal-UE użati mill-UPPE fil-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera.

Fil-qasam tas-**sigurtà**, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata (inkluż it-traffikar tal-bnedmin, l-armi tan-nar u d-drogi illeċiti), il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jibqgħu suġġetti ewlenin ta' taħriġ.

---

[9] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, *Strateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE* COMCOM(2020) 711 final).

[10] F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-*Diġitalizzazzjoni tal-Ġustizzja fl-UE* (COM( 2020) 710 final).

[11] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-*Aċċess għall-ġustizzja — naħtfu l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni* (2020/C 342 I/01).

Jenħtieġ li l-prattikanti tal-ġustizzja li huma f'kuntatt mal-**vittmi** jitħarrġu biex jappoġġawhom aħjar u jikkomunikaw magħhom, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar vulnerabbli[12]. Jenħtieġu li huma jkunu jafu wkoll kif jidentifikaw **litigazzjoni abbużiva** u jużaw l-għodod disponibbli biex jindirizzawha.

Id-**drittijiet tat-tfal**[13], id-drittijiet tal-persuni b'**diżabilità** u l-adattament tas-sistemi ġudizzjarji għal dawn il-gruppi, l-isfidi speċifiċi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-vittmi tal-vjolenza sessista[14], iżda wkoll l-ugwaljanza u n-**nondiskriminazzjoni** jeħtieġu taħriġ speċjalizzat kif ukoll kopertura f'korsijiet oħra.

L-iżgurar tad-**drittijiet tal-konsumatur** permezz ta' taħriġ kontinwu[15] kemm dwar il-liġi materjali kif ukoll dwar il-liġi proċedurali huwa prijorità[16], kif ikkonfermat mill-proliferazzjoni ta' prattiki illegali identifikati matul il-pandemija tal-COVID-19[17]. It-tgawdija effettiva tad-**drittijiet taċ-ċittadinanza** tal-UE għandha tkun garantita, inkluż fil-qasam tal-moviment liberu.

Huwa meħtieġ taħriġ għall-għadd kbir ta' prattikanti involuti fl-implimentazzjoni tar-regoli tas-**suq uniku**[18], inklużi dawk ta' rilevanza partikolari għan-negozju, bħar-regoli li jipproteġu l-investiment intra-UE[19], parzjalment biex tiġi żgurata l-fiduċja tal-investituri. Jenħtieġ li jkun disponibbli wkoll taħriġ dwar il-**liġi tal-kumpaniji tal-UE**, b'mod partikolari dwar l-għodod u l-proċessi diġitali, il-konverżjonijiet transfruntiera u l-fużjonijiet/id-diviżjonijiet tal-kumpaniji, u dwar il-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE għal dawk li għandhom bżonnu.

Barra minn hekk, l-applikazzjoni tal-**leġiżlazzjoni ambjentali** tal-UE teħtieġ għarfien speċjalizzat u aktar taħriġ.

### L-attrezzar tal-prattikanti biex jindirizzaw sfidi ġodda

Forom ġodda ta' terroriżmu, estremiżmu vjolenti u ċiberkriminalità, u l-pandemija tal-COVID-19 kellhom impatt mhux biss fuq il-ħajja tal-individwi u tan-negozji, iżda wkoll fuq is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali, li jeħtieġ li jadattaw. Il-pandemija, b'mod partikolari, biddlet il-*modi operandi* tal-kriminali, u wasslet għal żieda sinifikanti fir-reati li jinvolvu ċ-ċiberkriminalità, l-attivitajiet kriminali online u s-saħħa[20]. Il-prattikanti tal-ġustizzja jridu

[12] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, *Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020-2025)* (COM (2020) 258 final).

[13] *Strateġija futura tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal* (li għandha tiġi adottata fl-2021).

[14] Ara l-gwida tal-Kummissjoni Internazzjonali tal-Ġuristi dwar *L-aċċess tan-nisa għall-ġustizzja għall-vjolenza sessista*: http://www.icj.org/wp-content/uploads/2016/03/Universal-Womens-accesss-to-justice-Publications-Practitioners-Guide-Series-2016-ENG.pdf

[15] Taħriġ professjonali tul il-ħajja.

[16] Dan jinkludi taħriġ dwar il-mekkaniżmi uniċi ta' kooperazzjoni fl-infurzar, eż. skont ir-Regolament dwar il-Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPC) (ir-Regolament (UE) 2017/2394).

[17] eż. negozjanti diżonesti li jirrikorru għal prattiki kummerċjali inġusti, kanċellazzjonijiet massivi ta' titjiriet mingħajr ma jiġu onorati d-drittijiet ta' rimborż tal-konsumaturi.

[18] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, *Pjan ta' azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku*, COM (2020) 94 final.

[19] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, *Protezzjoni tal-investiment intra-UE* (COM (2018) 547 final).

[20] eż. attakki ċibernetiċi fil-qasam tas-saħħa, kummerċ fi prodotti mediċinali ffalsifikati, frodi li jinvolvu rkaptu protettiv jew testijiet COVID 19, u r-rimi illegali tal-iskart sanitarju.

jirreaġixxu għal dawn il-bidliet[21]. Barra minn hekk, forom ġodda ta' xogħol joħolqu sfidi fil-liġi tal-impjiegi u dik soċjali. Jenħtieġ li **offerti ġodda ta' taħriġ** jiġu organizzati malajr u jsiru disponibbli, kif kien il-każ reċentement għaċ-ċiberkriminalità u l-asil.

[21] https://www.cepol.europa.eu/media/news/cepol-issues-fast-track-needs-analysis-impact-covid-19-law-enforcement-training

*Azzjoni għall-fornituri tat-taħriġ:*

- Jagħmlu taħriġ dwar l-*acquis* tal-UE dwar l-**istat tad-dritt** u d-**drittijiet fundamentali**, kif stabbilit fit-Trattati tal-UE u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, sistematikament disponibbli fl-offerta ta' taħriġ kontinwu għall-imħallfin u professjonisti oħra tal-ġustizzja;
- **Jinkorporaw il-liġi tal-UE**, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, fl-attivitajiet ta' taħriġ fil-liġi nazzjonali, u organizza taħriġ speċifiku dwar il-liġi tal-UE fejn rilevanti;
- Jagħtu taħriġ biex jittejbu d-**diġitalizzazzjoni** u s-sensibilizzazzjoni u l-ħiliet tal-**intelliġenza artifiċjali**, u l-użu effiċjenti ta' proċeduri u reġistri ġudizzjarji diġitalizzati;
- Jiżguraw taħriġ effettiv dwar **leġiżlazzjoni ġdida tal-UE** u **żviluppi fil-ġurisprudenza**, inklużi strumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntier u l-UPPE;
- Jiffokaw it-taħriġ fuq il-protezzjoni tad-**drittijiet tal-individwi fl-ispazju diġitali** (eż. il-protezzjoni tad-*data*, il-privatezza, in-nondiskriminazzjoni, il-protezzjoni minn vjolenza online sessista, il-liġi kuntrattwali, id-drittijiet tal-konsumatur) u d-**drittijiet ta' gruppi speċifiċi** (eż. tfal, persuni b'diżabbiltà, vittmi ta' vjolenza sessista, razziżmu u diskriminazzjoni);
- **Jimmonitorjaw** il-ħtiġijiet ta' taħriġ u **jadattaw** l-kurrikuli għall-isfidi emerġenti.

*Azzjoni għall-Kummissjoni:*

- **Tappoġġa t-taħriġ fil-liġi tal-UE** għall-prattikanti tal-ġustizzja skont il-ħtiġijiet tagħhom;
- Tkompli tikkoopera mal-**Kunsill tal-Ewropa** dwar it-taħriġ li jinkludi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

## 3. KOMPONENTI MEĦTIEĠA TAT-TAĦRIĠ TAL-PRATTIKANTI LIL HINN MIL-LIĠI TAL-UE

Jenħtieġ li t-taħriġ ġudizzjarju Ewropew jmur lil hinn mill-edukazzjoni legali u jappoġġja l-iżvilupp tal-**ħiliet** professjonali. Il-liġi u l-prinċipji legali ma jiffunzjonawx ġo vakwu, għalhekk il-prattikanti tal-ġustizzja jeħtieġ li jiksbu kompetenzi multidixxiplinarji.

Filwaqt li hija responsabbiltà nazzjonali, it-taħriġ fis-**"sengħa tal-imħallef"**[22] huwa ċentrali għall-effiċjenza tal-ġustizzja, ir-relazzjoni ta' fiduċja bejn is-sistemi ġudizzjarji u l-membri tal-pubbliku, u l-fiduċja bejn il-prattikanti fil-kooperazzjoni transfruntiera. Suġġetti ewlenin ta' taħriġ għall-**imħallfin** jinkludu l-imġiba ġudizzjarja, ir-reżiljenza, il-preġudizzju inkonxju, il-ġestjoni tal-kawżi u l-awla tal-qorti, u t-tmexxija.

Barra minn hekk, biex jiksbu l-għarfien espert, l-attitudnijiet u l-għarfien espert meħtieġa, il-**prattikanti kollha tal-ġustizzja** jeħtieġu taħriġ dwar **għarfien u ħiliet mhux legali**, eż. kif ipprovdut mix-xjenzi tal-imġiba, il-psikoloġija, l-antropoloġija, l-ekonomija u l-lingwistika konjittiva.

[22] jiġifieri s-sett ta' ħiliet u attitudnijiet li wieħed ikun imħallef.

L-iżvilupp ta' **ħiliet lingwistiċi legali** huwa essenzjali biex jippermetti djalogu bla xkiel bejn il-prattikanti, li min-naħa tiegħu jippromwovi l-fiduċja reċiproka fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera. Il-ħakma ta' lingwi barranin tgħin lill-prattikanti tal-ġustizzja jifhmu s-sistemi u l-kunċetti legali barranin, u żżid il-parteċipazzjoni f' attivitajiet ta' taħriġ transfruntier.

Il-Kummissjoni tappoġġa taħriġ lingwistiku avvanzat u tekniku biex jikkomplementa l-offerta nazzjonali u tinkoraġġixxi t-taħlita ta' aspetti lingwistiċi u legali f'dan it-taħriġ, li wera li huwa effettiv.

***Azzjoni għall-fornituri tat-taħriġ:***

- Jinkorporaw is-**"sengħa tal-imħallef" u l-għarfien u l-ħiliet mhux legali** fi programmi nazzjonali ta' taħriġ kontinwu;
- Joffru korsijiet dwar **lingwa legali barranija**, b'mod partikolari għall-prattikanti li jittrattaw każijiet transfruntiera.

***Azzjoni għall-Kummissjoni:***

- Tipprovdi appoġġ finanzjarju għal **taħriġ transfruntiera dwar kwistjonijiet mhux legali**, meta marbuta ma' taħriġ legali.

## 4. TAĦRIĠ AKBAR, USA' U AKTAR IMMIRAT GĦALL-PROFESSJONISTI FIL-QASAM TAL-ĠUSTIZZJA

Objettiv ewlieni tal-Komunikazzjoni tal-2011 kien il-mira ġenerali li jiżdied l-għadd ta' ġuristi mħarrġa sabiex jinħoloq l-impetu meħtieġ. Dan kien fih innifsu mutur ta' suċċess għall-bidla. Madankollu, l-evalwazzjoni tal-istrateġija tat-taħriġ enfasizzat xi kwistjonijiet, bħall-varjazzjoni fir-riżultati fost il-professjonijiet u l-pajjiżi. Dan jitlob approċċ li jistabbilixxi **objettivi ġodda u ambizzjużi (għalkemm differenzjati)** li huma aktar **imfassla** għall-ħtiġijiet ta' taħriġ u l-livelli ta' parteċipazzjoni fit-taħriġ tal-professjonijiet fil-qasam tal-liġi tal-UE.

***Parteċipazzjoni f'taħriġ kontinwu fil-liġi tal-UE fl-UE (%)***

| **Professjonijiet** | **2011** | **2012** | **2013** | **2014** | **2015** | **2016** | **2017** | **2018** | **2019** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-imħallfin u l-prosekuturi | 24,62 % | 23,04 % | 24,00 % | 29,11 % | 28,10 % | 38,03 % | 48,22 % | 54,66 % | 55,70 % |
| Persunal tal-qorti u tal-uffiċċju tal-prosekuzzjoni | 1,75 % | 0,90 % | 1,52 % | 1,32 % | 2,06 % | 2,39 % | 3,23 % | 4,14 % | 6,40 % |
| Avukati | 1,79 % | 1,73 % | 5,04 % | 5,28 % | 3,54 % | 4,11 % | 4,88 % | 4,82 % | 3,36 % |
| Nutara | 11,36 % | 5,75 % | 10,37 % | 15,31 % | 18,07 % | 13,89 % | 27,03 % | 22,35 % | 26,03 % |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali ġudizzjarji | 3,57 % | 4,02 % | 3,12 % | 8,29 % | 5,67 % | 7,57 % | 9,55 % | 12,77 % | 16,19 % |

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea (UE28, ħlief 2019: L-UE27 peress li ma waslet l-ebda *data* mir-Renju Unit; *data* mir-rapporti annwali Ewropej dwar it-taħriġ ġudizzjarju[23]).

B'mod ġenerali, jenħtieġ li **aktar professjonisti tal-ġustizzja** jattendu taħriġ dwar il-liġi tal-UE u jenħtieġ li l-fornituri tat-taħriġ **itejbu t-taħriġ offrut fil-liġi tal-UE**, kemm jekk nazzjonali kif ukoll jekk transfruntier, u kemm jekk iffinanzjat mill-UE (ko) kif ukoll jekk le. Dan japplika għall-professjonisti kollha tal-ġustizzja li japplikaw il-liġi tal-UE, inklużi primarjament imħallfin, prosekuturi u persunal tal-qorti, iżda wkoll professjonijiet bħal avukati, nutara, bailiffs, medjaturi, interpreti/tradutturi legali, esperti tal-qorti, u f'ċerti sitwazzjonijiet għall-persunal tal-ħabs u l-uffiċjali tal-probazzjoni.

**Objettivi mfassla**

**L-imħallfin u l-prosekuturi** huma l-garanti ewlenin tal-applikazzjoni xierqa tal-liġi tal-UE fil-livell nazzjonali[24]. Jenħtieġ li huma jibqgħu l-**grupp ewlieni fil-mira** għat-taħriġ dwar il-liġi tal-UE. L-imħallfin japplikaw il-liġi tal-UE *ex officio*, ipoġġu fil-prattika l-prinċipji ta' supremazija u effett dirett, u jirreferu mistoqsijiet preliminari lill-QĠUE. Il-prosekuturi jeħtieġ li jkunu familjari mal-partijiet rilevanti tal-*acquis* tal-UE u japplikawhom fil-qasam tal-ġustizzja, inklużi d-drittijiet proċedurali għas-suspettati u l-akkużati fi proċedimenti kriminali, il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u r-regoli operattivi l-ġodda wara l-ħolqien tal-UPPE.

**Il-persunal tal-qorti u tal-uffiċċju tal-prosekuzzjoni** huma essenzjali għall-funzjonament bla xkiel tas-sistemi ġudizzjarji. Xi wħud huma involuti fl-abbozzar u l-infurzar ta' deċiżjonijiet tal-qorti, in-notifika transfruntiera ta' dokumenti, ordnijiet ta' ħlas Ewropej, mandati ta' arrest Ewropej u proċeduri transfruntiera oħra. Dan jeħtieġ firxa wiesgħa ta' taħriġ dwar il-liġi tal-UE, li għandu jkun imfassal b'mod preċiż għall-ħtiġijiet identifikati. Il-Kummissjoni tħeġġeġ in-networking tal-fornituri kollha tat-taħriġ tal-persunal tal-qorti nazzjonali u fil-livell tal-UE biex jaqsmu l-aħjar prattiki u jsaħħu l-offerti ta' taħriġ nazzjonali.

L-**avukati** għandhom rwol vitali fl-implimentazzjoni prattika tal-liġi tal-UE f'ħafna proċedimenti legali, kemm nazzjonali kif ukoll transfruntiera, ċivili, tal-familja, amministrattivi jew kriminali. Huwa wkoll f'idejhom li jqajmu kwistjonijiet tal-liġi tal-UE f'sitwazzjonijiet legali speċifiċi. Jeħtieġu jkunu aġġornati dwar l-iżviluppi reċenti fl-*acquis* tal-UE. Għalhekk huwa essenzjali li wieħed jiffoka fuq it-taħriġ tal-avukati tal-prattika privata u fuq il-fornituri tat-taħriġ tagħhom.

In-**nutara** jgħinu biex jiżguraw l-effett tad-dritt tal-UE f'oqsma li huma rilevanti għall-individwi u n-negozji, bħas-suċċessjoni, il-medjazzjoni, l-insolvenza u l-ġlieda kontra l-ħasil

[23] Ara n-nota 5 f'qiegħ il-paġna u r-rapport tal-2020 ; https://ec.europa.eu/info/law/cross-border-cases/training-legal-practitioners-and-training-practices_mt.

[24] Il-ġurisdizzjonijiet kollha huma kkonċernati, inklużi dawk amministrattivi.

tal-flus. Jenħtieġ li dan jiġi rifless aħjar fil-kontenut tat-taħriġ filwaqt li jitħeġġeġ l-użu ta' metodoloġiji interattivi, inkluż għat-tagħlim elettroniku.

Il-**bailiffs** huma involuti fl-infurzar transfruntier tad-deċiżjonijiet tal-qorti, pereżempju f'talbiet żgħar Ewropej u l-irkupru transfruntier tal-assi. Filwaqt li l-istatus professjonali u l-isfond tagħhom huma differenti, huma persunal tal-qorti f'madwar terz tal-Istati Membri. Jeħtieġu aktar taħriġ dwar il-liġi rilevanti tal-UE biex jiżguraw li japplikawha b'mod korrett fil-kompiti tagħhom ta' kuljum.

**It-titjib tat-taħriġ tal-professjonijiet l-oħra fil-liġi tal-UE**

Fl-interfaċċja bejn din l-istrateġija u l-iskema Ewropea ta' taħriġ fl-infurzar tal-liġi (LETS)[25], kien utli li jiġu żviluppati u promossi materjali ta' taħriġ komuni u sessjonijiet ta' taħriġ konġunti għall-prosekuturi, l-imħallfin u l-investigaturi. F'dan il-kuntest, il-kooperazzjoni produttiva bejn l-EJTN u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) hija milqugħa u tista' tiġi żviluppata aktar.

**Il-persunal tal-ħabs u l-uffiċjali tal-probazzjoni** huma udjenza fil-mira ġdida, peress li t-taħriġ tagħhom huwa kruċjali biex jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali matul id-detenzjoni (b'mod partikolari fil-kuntest ta' mandati ta' arrest Ewropej[26]) u biex jiġi kkonsolidat ir-rwol ewlieni tagħhom fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet u biex jiġi żgurat is-suċċess tal-programmi ta' riabilitazzjoni. Jeħtieġu wkoll li jkunu konxji tal-politiki tal-UE, b'mod partikolari dwar trasferimenti ta' priġunieri, probation, sanzjonijiet alternattivi, superviżjoni, leġiżlazzjoni relatata mad-droga u kwistjonijiet oħra fil-ħabsijiet[27].

Fl-aħħar nett, **professjonisti oħra tal-ġustizzja** bħal medjaturi[28], esperti tal-qorti[29], prattikanti fl-insolvenza[30] u interpreti/tradutturi legali[31] jeħtieġu dejjem aktar għarfien u kompetenza fl-applikazzjoni tal-liġi tal-UE. Jenħtieġ li l-kwalità tal-kontribut tagħhom għall-proċessi ġudizzjarji tissaħħaħ permezz ta' taħriġ rilevanti fil-liġi tal-UE.

| ***Azzjoni għall-partijiet interessati kollha:*** |
| --- |
| Sal-2024, jenħtieġ li t-taħriġ kontinwu dwar il-liġi tal-UE kull sena jilħaq: |

25 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2013) 172):

26 Ara s-sentenza tal-5 ta' April 2016, *PPU Aranyosi u Căldăraru*, C-404/15 u C-659/15, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, *PPU ML*, C-220/18 u s-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2019, *Dorobantu*, C-128/18.

27 *Aġenda tal-UE 2021–2025 u pjan ta' azzjoni dwar id-drogi* (COM(2020) 606).

28 Id-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 136, 24.5.2008, p. 3).

29 Konklużjonijiet tal-Kunsill u pjan ta' azzjoni dwar *it-triq 'il quddiem fid-dawl tal-ħolqien ta' żona Ewropea tax-xjenza forensika* (10128/16).

30 Ir-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 19) u d-Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri biex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (Direttiva dwar ir-ristrutturar u l-insolvenza) (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 18 ).

31 Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1).

- 65 % tal-imħallfin u l-prosekuturi;
- 15 % tal-persunal tal-qorti u tal-uffiċċju tal-prosekuzzjoni li jeħtieġu kompetenza fil-liġi tal-UE;
- 15 % tal-avukati[32];
- 30 % tan-nutara;
- 20 % tal-bailiffs.

***Azzjoni għan-networks:***

- **EJTN** — tistabbilixxi network tal-fornituri kollha tat-taħriġ tal-persunal tal-qorti biex jiskambjaw l-għarfien espert u l-aħjar prattiki[33];
- **In-network Ewropew tal-Akkademji tat-Taħriġ Penitenzjarju (EPTA)** — jestendi għall-Istati Membri kollha[34], jimmappja l-ħtiġijiet ta' taħriġ relatati mal-liġi tal-UE u jifformula rispons adegwat;
- **Konfederazzjoni tal-Probation Ewropea (CEP)** — ħidma ulterjuri fuq it-taħriġ.

## 5. IL-PROMOZZJONI TA' ATTIVITAJIET TA' TAĦRIĠ EFFETTIVI U TA' KWALITÀ GĦOLJA

L-għoti ta' taħriġ ġudizzjarju mhuwiex għan fih innifsu. Huwa essenzjali wkoll li t-taħriġ ikun ta' **kwalità** għolja biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi tiegħu. Metodoloġija tajba hija essenzjali, mit-tfassil sal-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni. Sabiex jirrispondu b'mod flessibbli għall-isfidi ta' kuljum tal-prattikanti, il-fornituri tat-taħriġ iridu jimmonitorjaw b'mod kostanti l-**ħtiġijiet tat-taħriġ** mill-perspettiva kemm tal-partijiet interessati nazzjonali kif ukoll Ewropej.

Il-prattikanti tal-ġustizzja jeħtieġu esponiment għal **forom differenti ta' tagħlim**: riflessiv, kunċettwali, esperimentali u konkrit. Jenħtieġ li t-taħriġ tagħhom jinkludi taħlita ta' attivitajiet residenzjali **wiċċ imb'wiċċ**, għodod ta' **tagħlim elettroniku** u taħriġ **fuq il-post tax-xogħol**. Attivitajiet ta' taħriġ wiċċ imb' wiċċ (inkluż transfruntiera) huma essenzjali biex jiġu żviluppati l-ħiliet u l-attitudnijiet, u tinbena fiduċja reċiproka billi jkunu jistgħu jsiru diskussjonijiet ħielsa fi klima ta' fiduċja u rispett. Jenħtieġ li dawn jerġgħu jibdew hekk kif is-sitwazzjoni sanitarja tippermetti dan. Jenħtieġ li t-taħriġ fil-livell tal-UE jgħin ukoll biex jiġu piloti approċċi ġodda, bħal formati **ibridi** (li jikkombinaw wiċċ imb'wiċċ u online) u taħriġ **transprofessjonali** wiċċ imb'wiċċ dwar suġġetti speċifiċi ta' rilevanza.

Jenħtieġ li jintużaw għodod u formati ta' taħriġ **varjati u aċċessibbli**, biex jadattaw għad-disponibbiltà u d-diversità tal-istudenti. Jenħtieġ li t-taħriġ jagħmel użu aħjar mit-**teknoloġiji**

[32] Diffikultajiet fil-ġbir tad-*data* se jitqiesu fil-monitoraġġ tat-taħriġ tal-avukati.
[33] Il-Kummissjoni tilqa' d-deċiżjoni tal-EJTN li jestendi l-udjenza fil-mira tiegħu għall-persunal tal-qorti u tal-uffiċċju tal-prosekuzzjoni.
[34] Il-membri attwali tal-UE: L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, il-Finlandja, Franza, il-Kroazja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Latvja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u l-Iżvezja.

**ġodda**[35] biex jilħaq udjenza usa' u jappoġġja l-kwalità tat-taħriġ. Din il-ħtieġa hija intensifikata mill-pandemija li għaddejja bħalissa u l-bidla minn attivitajiet wiċċ imb'wiċċ għal taħriġ online.

Jenħtieġ li t-**tagħlim elettroniku** tal-ogħla kwalità u l-aċċess għar-**riżorsi elettroniċi** dwar il-liġi tal-UE jsiru realtà għall-professjonisti kollha. Jenħtieġ li jikkomplementaw u jimmultiplikaw il-benefiċċji tal-attivitajiet wiċċ imb' wiċċ b'għodod ta' tagħlim aġġornati u awtonomi, sabiex isir l-aħjar użu possibbli tal-ġustizzja elettronika.

L-attivitajiet fil-livell nazzjonali ma jistax ikollhom l-istess impatt bħall-**attivitajiet transfruntiera**. L-iskambji transfruntiera ġenerali u speċjalizzati ta' mħallfin, prosekuturi u presidenti tal-qrati jibqgħu prijorità. Huma jsaħħu l-kultura ġudizzjarja komuni Ewropea, jibnu l-fiduċja u jippromwovu l-applikazzjoni uniformi tal-liġi tal-UE. Jenħtieġ li l-iskambji jġibu valur miżjud tanġibbli għall-parteċipanti u jimmultiplikaw l-effetti fl-ambjent professjonali.

Jenħtieġ li t-taħriġ kollu juri li laħaq l-objettivi tiegħu. Jenħtieġ li l-*evalwazzjoni* tivvaluta l-kisba tal-għarfien u l-ħiliet, il-bidliet fl-attitudni u l-impatti fuq il-prestazzjoni professjonali, flimkien mal-livelli ta' sodisfazzjon tal-apprendisti[36].

***Azzjoni għall-fornituri tat-taħriġ:***

- Isegwi aktar mill-qrib ir-**rakkomandazzjonijiet** fil-*Parir għall-fornituri tat-taħriġ*[37] u l-*Manwal tal-EJTN dwar il-metodoloġija tat-taħriġ ġudizzjarju fl-Ewropa*[38];
- Jorganizzaw **attivitajiet ta' taħriġ transfruntiera** kull sena għal mill-inqas 5% tal-imħallfin u l-prosekuturi kollha; tinkoraġġixxi parteċipanti ġodda biex jattendu;
- Joffru **tagħlim elettroniku** interattiv, prattiku u aċċessibbli għall-istudenti kollha li huwa mfassal preċiżament għall-objettivi tat-taħriġ;
- Jesploraw aktar il-potenzjal ta' **tekniki moderni** bħal taħriġ wiċċ imb wiċċ virtwali u soluzzjonijiet ta' realtà estiża;
- Jagħmlu aktar użu ta' **taħriġ elettroniku "kapsula"** (qasir, aġġornat, iffukat b'mod strett) biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet immedjati tal-professjonisti tal-ġustizzja fil-kuntest ta' każ konkret;
- Jiżguraw li l-**ħarrieġa jkunu mħarrġa** fl-isfruttar tal-potenzjal sħiħ tal-metodoloġiji ta' tagħlim elettroniku;
- **Jevalwaw** kull attività ta' taħriġ abbażi tas-sodisfazzjon tal-parteċipanti, aktar kompetenza u, fejn rilevanti, l-impatt fuq il-prestazzjoni tagħhom.

35 eż. taħriġ virtwali wiċċ imb' wiċċ: klassi virtwali interattiva; realtà virtwali: ambjent ta' taħriġ virtwali aċċessat b'apparat diġitali; realtà awmentata: ambjent fid-dinja reali msaħħaħ permezz ta' informazzjoni perċettwali ġġenerata mill-kompjuter; realtà mħallta: elementi virtwali miżjuda mar-realtà.

36 Ara l-*Linji Gwida tal-EJTN għall-evalwazzjoni ta' prattiki ta' taħriġ ġudizzjarju*; https://bit.ly/2UDmqtX

37 https://e-justice.europa.eu/fileDownload.do?id=9f252d82-8ef4-4f6e-b562-372f9fa50096

38 http://www.ejtn.eu/Methodologies--Resources/Training-Methods

***Azzjonijiet għall-Kummissjoni:***

- Fejn rilevanti, jużaw **formola ta' evalwazzjoni komuni** fl-attivitajiet appoġġati mill-UE;
- Jinkorporaw **"pjattaforma Ewropea ta' taħriġ"** fil-portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika[39] bħala ċentru ċentrali ta' informazzjoni dwar attivitajiet ta' taħriġ għall-professjonisti tal-ġustizzja u punt ta' aċċess uniku għal materjali ta' awtostudju dwar il-liġi tal-UE.

## 6. IT-TISĦIĦ TAT-TAĦRIĠ ĠUDIZZJARJU GĦAL PRATTIKANTI ŻGĦAŻAGĦ

Jenħtieġ li professjonisti ġodda tal-ġustizzja jingħataw **bażi fis-sistema legali u l-kultura legali** tal-UE matul it-taħriġ inizjali tagħhom[40]. Jenħtieġ li dan jgħin biex jibnu l-fehim prattiku tagħhom tar-rwol tal-liġi tal-UE fis-sistemi legali nazzjonali, l-*acquis* tal-istat tad-dritt u r-rwol tagħhom bħala prattikanti tal-ġustizzja Ewropea. Fit-taħriġ inizjali (fejn jeżisti), jenħtieġ li għalhekk jingħata biżżejjed żmien għal taħriġ ta' kwalità tajba fil-liġi tal-UE, id-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt, "is-sengħa tal-imħallef" u l-ħiliet lingwistiċi. Jenħtieġ li t-taħriġ dwar l-elementi sistemiċi tal-liġi tal-UE[41] jkun standard.

***Azzjoni għall-fornituri tat-taħriġ:***

- Jiżguraw li kull **kurrikulu ta' taħriġ inizjali** jinkludi moduli dwar il-liġi tal-UE, inkorporati fit-taħriġ fil-liġi nazzjonali u awtonomi fejn rilevanti;
- Jinkludu l-***acquis* tal-UE dwar l-istat tad-dritt u dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE** kif ukoll "**is-sengħa tal-imħallef**" bħala komponenti standard tal-offerta ta' taħriġ ġudizzjarju inizjali għal prattikanti ġodda;
- Jipprovdu għal kull imħallef u prosekutur futur jew ġdid biex jieħu sehem fi **skambju transfruntiera** matul it-taħriġ inizjali tagħhom;
- Jagħmlu l-**iskambji AIAKOS tal-EJTN għal imħallfin u prosekuturi futuri u ġodda**[42] bħala komponent standard tal-offerta ta' taħriġ inizjali. Jenħtieġ li l-korpi nazzjonali tat-taħriġ ġudizzjarju jassistu fl-organizzazzjoni tagħhom;
- Jagħmlu l-**korsijiet tal-lingwa legali** komponent standard tal-offerta ta' taħriġ inizjali.

---

[39] https://e-justice.europa.eu/content_european_training_platform-37158-en.do
[40] Taħriġ għal prattikanti futuri jew li għadhom kif inħatru.
[41] Il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE u r-rimedji legali, ir-rwol tal-QĠUE, kif taħdem il-kooperazzjoni ġudizzjarja, fejn issib l-informazzjoni u l-forom rilevanti, eċċ.
[42] Il-programm AIAKOS jiġbor flimkien imħallfin futuri jew ġodda minn Stati Membri differenti f'istituzzjoni ta' taħriġ ġudizzjarju jew fil-qrati/uffiċċji ta' prosekuzzjoni, biex irawwem fehim reċiproku ta' kulturi u sistemi ġudizzjarji Ewropej differenti u jżid l-għarfien tagħhom tad-dimensjoni Ewropea tax-xogħol (futur) tagħhom.

## 7. IT-TISĦIĦ TAR-RESPONSABBILTÀ KONDIVIŻA

Ir-responsabbiltà għat-taħriġ ġudizzjarju hija kondiviża bejn l-Istati Membri, il-fornituri tat-taħriġ, l-organizzazzjonijiet tal-professjonijiet ġudizzjarji nazzjonali u Ewropej, u l-UE. **Huwa meħtieġ impenn akbar minn dawk kollha kkonċernati.**

**Il-partijiet interessati nazzjonali għandhom ir-responsabbiltà primarja**

Il-fornituri tat-taħriġ nazzjonali, il-ministeri tal-ġustizzja, il-kunsilli għall-ġudikatura u l-prosekuzzjoni, u l-awtoritajiet tal-professjonijiet regolati huma kollha atturi ewlenin fl-iżgurar li l-provvista ta' taħriġ twieġeb għall-**ħtiġijiet tal-prattikanti**. Ir-**riżorsi** xierqa għandhom ikunu disponibbli, f'termini ta' baġit, għall-persunal biex jorganizza t-taħriġ u l-ħin għall-professjonisti tal-ġustizzja biex ikunu jistgħu jattendu. L-istabbiliment ta' kwoti obbligatorji għat-taħriġ jista' jiżgura li dan jitqies bħala parti minn arranġamenti ta' ħidma regolari. L-**informazzjoni** dwar l-għoti ta' taħriġ fil-livell nazzjonali u tal-UE għandha tiġi mxerrda b'mod proattiv u l-parteċipazzjoni għandha tiġi appoġġjata.

Jenħtieġ li **l-mexxejja u l-membri anzjani tal-professjonijiet tal-ġustizzja** jkunu involuti fil-ħolqien ta' kultura ta' taħriġ ġenwina. Hemm bżonn ta' bidla fl-attitudni biex il-korpi ta' tagħlim tal-ġustizzja u dawk professjonali jsiru **organizzazzjonijiet ta' tagħlim**, fejn it-taħriġ jitqies bħala investiment u mhux bħala distrazzjoni mix-xogħol ta' kuljum.

**Netwerks ta' esperti tal-liġi tal-UE**

Il-prattikanti tal-ġustizzja m'għandhomx għalfejn jifhmu d-dettalji kollha tal-liġi tal-UE, iżda għandhom jikkonformaw magħha meta jkun hemm bżonn. Jenħtieġ li jkunu jistgħu jserrħu fuq **pari** li jistgħu jipprovdu **għarfien espert u assistenza dwar il-liġi tal-UE** b'indipendenza ġudizzjarja sħiħa u jappartjenu għal network maħluq għal dan il-għan fil-livell nazzjonali. Dan huwa l-valur miżjud rikonoxxut tan-networks nazzjonali tal-koordinaturi tal-qrati tal-UE.

**Ir-rwol uniku tan-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju**

L-EJTN jinsab fl-aħjar pożizzjoni biex jikkoordina, permezz tal-membri tiegħu, attivitajiet ta' taħriġ nazzjonali dwar il-liġi tal-UE u biex jiżviluppa taħriġ transfruntier għall-imħallfin u l-prosekuturi, inkluż skambji[43]. Id-disa' "prinċipji ta' taħriġ ġudizzjarju"[44] tagħha qed isiru referenza globali għal taħriġ ġudizzjarju tajjeb. Jeħtieġ finanzjament stabbli u xieraq.

**L-atturi fil-livell tal-UE huma multiplikaturi essenzjali**

L-**Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA)** u **l-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA - il-Lussemburgu)** jgħinu biex jikkonsolidaw l-għarfien dwar il-liġi tal-UE. Jenħtieġ li jagħtu spinta ulterjuri lill-għoti ta' taħriġ tagħhom, jiżguraw il-kwalità tal-attivitajiet tagħhom u jippromwovu t-trasferibbiltà tar-riżultati tagħhom.

---

[43] Konklużjonijiet tal-Kunsill, *Taħriġ tal-ġuristi: għodda essenzjali biex jiġi kkonsolidat l-acquis tal-UE* (2014/C 443/04).

[44] http://www.ejtn.eu/PageFiles/15756/Judicial%20Training%20Principles_EN.pdf

**In-networks ta' professjonisti tal-ġustizzja**, bħall-**Kunsill tal-Kmamar tal-Avukati u s-Soċjetajiet Legali tal-Ewropa (CCBE)** għall-avukati, in-**Nutara tal-Ewropa (CNUE)** għan-nutara u l-**Unjoni Ewropea tal-Uffiċjali Ġudizzjarji (UEHJ)** għall-bailiffs, għandhom ukoll rwol ewlieni fit-titjib tat-taħriġ dwar il-liġi tal-UE. Huma essenzjali għall-implimentazzjoni sħiħa ta' din l-istrateġija, billi jiżguraw li l-materjali maħluqa jiġu adottati u użati mill-ġdid fost il-membri tagħhom u jippromwovu l-introduzzjoni nazzjonali ta' attivitajiet ta' taħriġ. Jenħtieġ li l-iskambju tal-esperjenza bejn il-fornituri tat-taħriġ minn Stati Membri differenti jippermettilhom jirriflettu dwar il-lakuni fil-forniment tat-taħriġ tagħhom, jinnovaw u jibnu fuq prattiki tajbin b'riżultati ppruvati.

**In-networks Ewropej ta' professjonisti tal-ġustizzja** li jiffukaw fuq oqsma individwali tal-liġi tal-UE għandhom ukoll rwol importanti bħala multiplikaturi.

**L-appoġġ tal-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni se tappoġġa **proġetti ta' taħriġ ta' kwalità għolja b'dimensjoni Ewropea**, permezz tal-programm Ġustizzja u skemi ta' finanzjament rilevanti oħra[45]. Se tappoġġa t-taħriġ għall-multiplikaturi, inklużi l-ħarrieġa, u trawwem konsorzji transfruntiera ta' fornituri tat-taħriġ. Hija se tippromwovi aktar il-ħidma tan-networks involuti fil-qasam, tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni tagħhom permezz ta' konferenzi u tagħti spinta lill-użu ta' teknoloġiji moderni u l-portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika.

Il-Kummissjoni se tappoġġa **proġetti li jindirizzaw oqsma ta' prijorità tal-UE**, tittestja ideat ġodda u twieġeb għal ħtiġijiet speċifiċi *ad hoc*. Hija se tagħti attenzjoni mill-qrib lill-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ u s-sostennibbiltà tar-riżultati. Dan se jirrikjedi li l-fornituri li jibbenefikaw mill-kofinanzjament tal-UE jagħmlu aktar biex jiżguraw id-durabbiltà tat-taħriġ u riżultati oħra. Se tuża l-mezzi kollha skont ir-Regolament Finanzjarju biex tissimplifika l-aċċess għall-finanzjament tal-UE, inklużi l-proċessi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet u tal-għotjiet[46].

**L-immirar tal-professjonisti tal-ġustizzja lil hinn mill-UE**

It-taħriġ ġudizzjarju Ewropew jiffoka fuq il-professjonisti tal-ġustizzja tal-UE. Madankollu, matul is-snin, il-kooperazzjoni ġiet estiża għall-**pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali** għas-sħubija fl-UE u għal pajjiżi oħra li kienu esprimew interess li jiffamiljarizzaw ruħhom mal-kultura ġudizzjarja tal-UE[47], sabiex itejbu l-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji tagħhom. B'mod partikolari, it-taħriġ dwar l-*acquis* tal-istat tad-dritt huwa meħtieġ fil-pajjiżi

---

[45] Dawn jinkludu proposti tal-Kummissjoni għal Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxu l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +) (COM (2018) 382), "Erasmus": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport (COM(2018) 367), il-programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri (2021 sa 2027) (COM(2018) 383), Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) (COM(2018) 385), il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi (COM(2018) 386) u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (COM(2018) 465).

[46] Ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna (paġna 44).

[47] Komunikazzjoni Konġunta, *Reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat* (JOIN(2015) 50 final); *Il-politika tas-sħubija tal-Lvant lil hinn mill-2020: It-tisħiħ tar-reżiljenza — sħubija tal-Lvant li tagħti riżultati għal kulħadd* (JOIN(2020) 7 final).

kandidati u kandidati potenzjali[48], peress li dawn iridu jipprijoritizzaw il-ħidma għall-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet fundamentali biex jippreparaw għall-adeżjoni mal-UE[49].

Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi b'mod partikolari l-parteċipazzjoni ta' professjonisti tal-ġustizzja mir-reġjun tal-**Balkani tal-Punent** f'taħriġ ġudizzjarju transfruntier. L-appoġġ tal-UE fir-reġjun għandu l-għan li jiżgura l-koerenza u s-sostenibbiltà, u li jindirizza l-isfidi abbażi ta' valutazzjoni tajba tal-ħtiġijiet ta' taħriġ u approċċ orjentat lejn il-problemi (aktar milli xprunat mid-donaturi). Jenħtieġ li l-kooperazzjoni strutturali tal-fornituri tat-taħriġ ġudizzjarju tal-Balkani tal-Punent tissaħħaħ aktar, kemm fil-livell reġjonali kif ukoll mal-UE. Fejn rilevanti, jenħtieġ li dan jinkludi l-konsolidazzjoni tar-rwol tal-EJTN, li huwa ċentru ta' għarfien espert u jista' jappoġġa l-bini tal-kapaċità u t-titjib metodoloġiku.

Aktar sinerġiji jistgħu jiġu mfittxija ma' inizjattivi ta' taħriġ ġudizzjarju ffinanzjati mill-UE f'**pajjiżi oħra li mhumiex fl-UE**, b'mod partikolari fl-Afrika u l-Amerika Latina, bħala kontribut għat-tisħiħ tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt[50].

**Sostenibbiltà**

Id-disseminazzjoni, l-implimentazzjoni, l-użu mill-ġdid, l-aġġornament u l-adattament għall-kuntest nazzjonali ta' **moduli ta' taħriġ, pakketti u pubblikazzjonijiet** bħal manwali u linji gwida, kif prodotti bl-appoġġ tal-fondi tal-UE[51] u kondiviżi mill-fornituri tat-taħriġ fil-livell nazzjonali u tal-UE, se jiġu mħeġġa bil-qawwa, kif ukoll it-taħriġ immirat għall-multiplikaturi, bħal min iħarreġ.

**Monitoraġġ**

Il-Kummissjoni se tkompli **tirrapporta** dwar il-progress fit-taħriġ fil-liġi tal-UE għall-professjonisti tal-ġustizzja. Dan se jirrifletti mal-partijiet ikkonċernati dwar kif jistgħu jittejbu l-ġbir u l-analiżi tad-data.

---

[48] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, *It-tisħiħ tal-proċess ta' adeżjoni — perspettiva kredibbli tal-UE għall-Balkani tal-Punent* (COM(2020) 57 final).

[49] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tkabbir u l-proċess ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni (7002/20).

[50] *Lejn strateġija komprensiva mal-Afrika* (JOIN(2020) 4 final); *L-Amerka Latina u l-Karibew: ningħaqdu flimkien għal futur komuni* (JOIN(2019) 6 final).

[51] eż. *Gwida ta' taħriġ dwar l-istat tad-dritt għall-imħallfin u l-prosekuturi* (http://www.ejtn.eu/PageFiles/16144/2019-056-Training%20guide-v5_FINAL.pdf); *L-Istat tad-dritt fl-Ewropa — perspettivi mill-prattikanti u l-akkademiċi* (http://www.ejtn.eu/PageFiles/16144/2019-056-RoL%20Manual-170x240-WEB_FINAL.pdf), *il-pakkett ta' taħriġ tal-UE dwar il-liġi ambjentali* (https://ec.europa.eu/environment/legal/law/training_package.htm).

*Rakkomandazzjonijiet:*

- **L-Istati Membri kollha** — jistabbilixxu **network nazzjonali ta' koordinaturi tal-liġi tal-UE** għall-imħallfin u l-prosekuturi; jippromwovu l-kooperazzjoni transfruntiera bejn dawn in-networks;
- **Professjonijiet oħra tal-ġustizzja** — joħolqu pożizzjonijiet simili biex jappoġġaw it-tagħlim bejn il-pari fuq il-post tax-xogħol.

*Azzjoni għall-partijiet interessati:*

- **EJTN** — jipprovdi **taħriġ ta' kwalità**, inkluż tagħlim elettroniku, għall-imħallfin u l-prosekuturi, jaqdi l-ħtiġijiet tal-persunal tal-qorti u jżid l-effett multiplikatur tar-riżultati fil-livell tal-UE billi jagħti spinta lid-dispożizzjoni dwar it-taħriġ tal-membri tiegħu dwar il-liġi tal-UE;
- **Netwerks fil-livell tal-UE, fornituri tat-taħriġ u organizzazzjonijiet għall-professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja** — ikomplu jippromwovu, jikkoordinaw u/jew jorganizzaw **attivitajiet ta' taħriġ transfruntier**, inklużi dawk interattivi online, filwaqt li jimmultiplikaw l-effetti tat-taħriġ.

*Azzjoni għall-Kummissjoni:*

- Tappoġġa l-**kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati** biex jgħinu fil-kisba tal-għanijiet ta' din l-istrateġija;
- Tagħti appoġġ finanzjarju mill-UE lil **proġetti ta' kwalità għolja** li jindirizzaw ħtiġijiet konkreti ta' taħriġ b'mod **sostenibbli**, u lill-EJTN permezz tal-programm Ġustizzja;
- F'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, tistabbilixxi sistema ta' **monitoraġġ** imtejba.

## 8. KONKLUŻJONI

Din l-istrateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju 2021-2024 tistabbilixxi l-qafas għal sett ambizzjuż ta' azzjonijiet ewlenin biex tingħata spinta lill-applikazzjoni korretta u effettiva tal-liġi tal-UE. Għandha l-għan li tikkonsolida kultura ġudizzjarja Ewropea komuni bbażata fuq l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u l-fiduċja reċiproka.

Sabiex jiġi żgurat is-suċċess tal-istrateġija, il-Kummissjoni tappella lill-partijiet interessati kollha — il-ministeri tal-ġustizzja, il-kunsilli għall-ġudikatura u l-prosekuzzjoni, il-bordijiet tal-professjonijiet awtoregolati, l-assoċjazzjonijiet Ewropej tal-professjonisti tal-ġustizzja, il-fornituri tat-taħriġ nazzjonali u fil-livell tal-UE, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE — biex jimpenjaw ruħhom li jilħqu l-objettivi kwantitattivi u kwalitattivi tagħha.

Il-Kummissjoni se timmonitorja regolarment l-implimentazzjoni tal-istrateġija u taħdem mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE biex tiżgura l-appoġġ politiku meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet.